MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1138/2002/1

**Avviz Numru 1138/02 AJD**
**Anthony Ferriggi**

**vs**

**Carmelo sive Nenu Curmi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' April 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u disgha u tletin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm639.52) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha mill-attur lill-konvenut.
Bl-ispejjes, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 12 ta' Novembru 2001 u bl-imghax kummercjali mid-data ta' kull konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li qatt ma xtara oggetti minghand l-attur u ghalhekk il-konvewnut m'huwiex il-legittimu kontradittur.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda tal-attur u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostnazi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-konvenut fl-ewwel eccezzjoni tieghu jeccepixxi li huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur stante li l-merkanzija in kwistjoni nbieghet mill-attur lis-socjeta' (FAMA Distributors) Limited. Il-konvenut u martu Silvia Curmi kienu l-unici zewg diretturi f'din is-socjeta'. Il-konvenut isostni li huwa kien informa lill-attur li l-hanut tal-'ironmongery' li kien jinsab fi stabbiliment il-Marsa kien gestit mis-socjeta' FAMA (Distributors) Limited u li fuq l-istabbiliment hemm indikat l-isem tas-socjeta' in kwistjoni. Il-konvenut isostni wkoll li huwa kien ghadda l-VAT Registration Number ta' din is-socjeta' liema numru fil-fatt jinsab indikat fuq l-'istatement' mahrug mill-attur.

Illi l-attur min-naha l-ohra jghid li huwa kien biegh il-merkanzija lill-konvenut u li kien ikkonsenja l-istess merkanzija f'stabbiliment il-Marsa fejn kien hemm imnizzel l-isem 'FAMA'. L-attur isostni li l-konvenut qatt ma ndikalu min kien il-propjetarju tal-hanut fejn kienet qed issir il-konsenja.

Illi mill-fatturi esebiti a fol. 27 sa 33 jirrizulta li l-merkanzija kienet qed tinbiegh lil FAMA Limited, Marsa. In-numru u d-dati ndikati fuq dawn il-fatturi huma l-istess bhal dawk indikati fuq l-'istatement' esebit mill-attur ( a fol. 16). Jidher ghalhekk li l-attur kien konxju tal-fatt li huwa kien qed jinnegozja mal-konvenut fil-kwalita tieghu ta' direttur ta' socjeta' kummercjali u mhux fil-kapacita' tieghu personali.

Illi jidher ghalhekk li l-konvenut m'huwiex il-legittimu kontradittur.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut u jillibera lill-istess konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**A+vukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------